MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Numru 1225/2010

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)

vs

Mario Grima
Vincent Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 241662M u 86063M rispettivement, akkuzati talli:

1. fis-27 ta' Novembru, 2008 ghal habta tal-11.30a.m. fi Triq tal-Balal, limiti tal-Gharghur fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Grima & Zammit Limited, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi John Muscat u dan ai termini tal-

Art. 225 u 216 tal-Kodici Kriminali , Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-Artikoli 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikoli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena wara li l-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel akkuza u l-imputati irregistraw ammissjoni fuq it-tieni u t-tielet u insistew fuq l-ammissjoni taghhom anka wara li nghataw zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

Illi gia' la darba l-ewwel imputazzjoni tinsab irtirata stante rinunzja mill-prosekuzzjoni ghall-istess billi l-ferita rrizultat f'wahda, f'kull kaz, hafifa u ghaddiet in preskrizzjoni, hemm fil-konfront taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati. Fuq l-

iskorta ta’ din l-ammissjoni wara li rat l-Artikolu 6(1)(2) tal-Kap 424 u r-regolament 10(1) tal-Avviz Legali 36/03 issibhom hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, tiddikjara fil-konfront tal-ewwel ’procediment esawrit’, u tikkundannahom kull wiehed minnhom multa ta’ €630.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------